**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**-vs-**

**Abdirizaq Hussein Gelle, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 114703A**

***Kump. Nru. 187/2017***

Illum 2 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abdirizaq Hussein Gelle talli:

> Nhar l-14 ta' Frar, 2017 ghall-habta tal-18:30 hrs gewwa l-Marsa-
>
> 1. Minghajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' xi arma regolari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe` offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Abdukadir Mohammed Hassan hekk kif gie ċċertifikat minn Dr. K. Abdilla Med. Reg. No. 3867 mill-Isptar Mater Dei;
>
> 2. Fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubbliku b'għajjat u ġlied;
>
> Fil-21 t' April, 2017 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ghex hajja ta' ghazz u vagabundagg.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat serju li jinsab akkuzat bih l-imputat, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta, l-ammissjoni bikrija tieghu w ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 217, 218(1)(b), 338(w)u (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal tlett snin.

Inoltre` biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parti leza Abdukadir Mohammed Hassan, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**